**142. L-Onor. Godfrey Farrugia MP u l-Onor. Marlene Farrugia MP jipproponu:**

Din il-Kamra:

TINNOTA li s-setturi tas-servizzi finanzjarji u tal-*gaming* huma oqsma ewlenin għall-ekonomija ta' pajjiżna u li s-servizzi u opportunitajiet ta' xogħol provduti minnhom huma ta' benefiċċju essenzjali għall-familji Maltin u Għawdxin;

TINNOTA li dawn is-setturi f'pajjiżna għandhom quddiemhom opportunitajiet kbar ta' żvilupp li jistgħu jikkontribwixxu biex il-kwalità tal-ħajja f'pajjiżna tkompli togħla u tilħaq l-aqwa livelli fuq skala globali;

TINNOTA li dawn iż-żewġ setturi għandhom quddiemhom ukoll sfidi kbar varji li l-pajjiż kollu għandu interess illi jiġu megħluba u biex dan iseħħ għandu jiġi żgurat illi l-awtoritajiet ta' viġilanza jaħdmu b'kompetenza u professjonalità, illi jħarsu *standards, good practices* u konvenzjonijiet internazzjonali u li joperaw mingħajr indħil politiku jew xorta oħra ta' indħil jew xkiel ieħor;

TAGĦRAF li kemm il-Gvern kif ukoll l-Oppożizzjoni esprimew il-qbil tagħhom li f'dan il-qasam għandu jintlaħaq kunsens fuq il-materji strateġiċi u li dawn iz-żewġ setturi fl-interess nazzjonali jiġu mħarsa minn kull possibilità ta' theddid ta' kriminalità, ta' *money laundering* u nuqqasijiet fis-superviżjoni ta' entitajiet liċenzjati u dawk soġġetti għal-liġijiet ta' ħarsien mill-*money laundering*;

TIPPROPONI li jitwaqqaf Kumitat Permanenti ġdid *ad hoc*, bil-għan li fost affarijiet oħra jifli u jiddiskuti *policies* u l-operat fil-qasam tas-setturi regolati b'liġijiet speċjali fil-qasam tal-*gaming* u tas-servizzi finanzjarji li għandhom importanza strateġika u ta' interess materjali u jirrapporta fuqhom lill-Kamra; jikkunsidra rapporti u *policies* relevanti għal dawn is-setturi; jifli materji u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-awtoritajiet statutorji u organizzazzjonijiet pubbliċi li joperaw fil-qasam ta' dawn iż-żewġ setturi; jifli *policies* u materji oħra li għandhom x'jaqsmu mas-sorveljanza ta' dawn iż-żewġ setturi u ta' professjonijiet u setturi li jipprovdu servizzi anċillari lil dawn iż-żewġ setturi u li għandhom obbligi ta' diliġenza taħt il-liġijiet fis-seħħ li jħarsu mill-*money laundering* u finanzjar ta' terroriżmu; jiddiskuti u janalizza l-impatt tad-deċiżjonijiet tal-Gvern u l-Unjoni Ewropea f'dawn is-setturi; jirċievi u jisma' l-opinjonijiet ta' korpi kostitwiti, għaqdiet mhux governattivi u organizzazzjonijiet involuti f'dawn iż-żewġ setturi; jitlob biex persuni jidhru quddiem l-istess Kumitat sabiex jagħmlu espożizzjoni jew jagħtu rendikont tal-ħidma u tar-responsabbiltajiet tagħhom fl-oqsma li jaqgħu taħt dan l-istess Kumitat; u jagħmel rakkomandazzjonijiet sabiex tittieħed azzjoni fejn l-awtoritajiet kompetenti jew uffiċjali tagħhom ma aġixxewx skont il-liġi jew fejn l-aġir tagħhom ma kienx aderenti ma' prattiċi internazzjonali u mal-liġijiet fis-seħħ.

GĦALDAQSTANT din il-Kamra tirriżolvi li:

A. It-test Malti tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Fl-Ordni Permanenti 120A, minnufih wara l-paragrafu (vii) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

> "(x) il-Kumitat Permanenti għas-sorveljanza tal-entitajiet regolatorji fis-settur finanzjarju u tal-*gaming*.".

2. Minnufih wara l-Ordni Permanenti Numru 120K għandha tidħol l-Ordni Permanenti ġdida li ġejja:

"Kumitat Permanenti għas-sorveljanza tal-entitajiet regolatorji fis-settur finanzjarju u tal-*gaming* .

120L (1) Il-Kumitat Permanenti jkollu s-setgħa li:

(a) fuq inizjattiva tiegħu stess, jiddiskuti *policies* u materji fl-oqsma li jkollhom importanza strateġika u ta' interess materjali u jirrapporta fuqhom lill-Kamra;

(b) jifli kull rapport, pjan strateġiku, pjan ta' ħidma kif ukoll *policies* riferuti lilu mill-Kamra, mill-Ministru, minn Bord kostitwit taħt xi liġi relevanti jew minn xi Kumitat Permanenti ieħor;

(ċ) jifli materji u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-infiq kapitali u rikorrenti ta' dawk l-awtoritajiet statutorji li joperaw f'dawn l-oqsma;

(d) li jara li l-awtoritajiet relevanti jsegwu u jadottaw prattiċi ta' governanza tajba kemm internament kif ukoll esternament;

(e) li jiżgura li jkun imfassal taħriġ adegwat għall-istaff superviżorju u li dawn jaħdmu skont livelli u prattiċi internazzjonali;

(f) li jara li jissaħħew il-forom kollha ta' koperazzjoni u kollaborazzjoni fl-isfond internazzjonali ma' awtoritajiet u entitajiet pubbliċi minn pajjiżi oħra;

(ġ) li jiżgura r-regolarità u l-metodu adoperat f'*site vists* u spezzjonijiet u li dawn ikunu adegwati u konsistenti ma' ħtieġa ta' superviżjoni effettiva u professjonali;

(g) jara kif jista' jkattar għarfien ta' xi żbalji li setgħu saru u l-lezzjonijiet li għandhom jitgħallmu minnhom, kif ukoll għarfien aħjar fl-immaniġġjar ta' riskji;

(h) jiddiskuti u janalizza l-impatt tad-deċiżjonijiet tal-Gvern, l-Unjoni Ewropea u istituzzjonijiet oħra f'dawn l-oqsma;

(i) jeżamina u jirrapporta lill-Kamra dwar rapporti u dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' dawn il-materji li jkunu saru mill-Awditur Ġenerali;

(j) jitlob lill-uffiċjali għolja tal-awtoritajiet kompetenti biex jidhru quddiem il-Kumitat biex jispjegaw u jagħtu informazzjoni dwar materji relatati mal-ħidma tagħhom;

(k) jitlob biex persuni oħra relevanti fis-setturi sabiex jidhru quddiem l-istess Kumitat sabiex jagħmlu espożizzjoni, jesprimu pariri u opinjonijiet, jew jagħtu rendikont tal-ħidma u tar-responsabbiltajiet tagħhom fl-oqsma li jaqgħu taħt dan l-istess Kumitat;

(l) jagħmel rakkomandazzjonijiet sabiex tittieħed azzjoni fejn l-awtoritajiet kompetenti jew uffiċjali tagħhom ma aġixxewx skont il-liġi jew fejn l-aġir tagħhom ma kienx aderenti ma' prattiċi internazzjonali u mal-liġijiet fis-seħħ;

(m) jirrakomanda tibdil leġiżlattiv lill-Parlament jew miżuri ta’ natura amministrattiva.

(2) Dan il-Kumitat Permanenti għandu jkun magħmul minn mhux aktar minn ħames membri li minnhom tlieta jikkostitwixxu *quorum*.

(3) Meta jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali ta’ kunfidenzjalità u sensittività li jkunu jistgħu jippreġudikaw l-interess nazzjonali, iċ-ċermen tal-Kumitat jista’ jiddeċiedi li jkun aħjar li l-proċedimenti tal-Kumitat isiru bil-bibien magħluqa. F'kull każ li dan isir, trid tiġi spjegata bil-miktub ir-raġuni u l-ġustifikazzjoni għala din il-proċedura hi meħtieġa u għalfejn mhuwiex fl-interess nazzjonali li l-proċedimenti jsiru fil-pubbliku. Eżempju jkun meta l-Kumitat jitlob *briefing* dwar il-kondotta u l-operat ta’ entità awtorizzata partikolari li tkun qajmet allarm jew inkwiet nazzjonali jew internazzjonali.

(4) Il-membri għandhom jintgħażlu b’dak il-mod li jkunu ġustament jirrappreżentaw lill-Kamra b'mod ġenerali u proporzjonali skont l-għadd ta’ membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni, b'mod partikolari.

(5) Wieħed minn dawk il-membri nominati mill-Oppożizzjoni għandu jinħatar bħala ċermen tal-Kumitat.

(6) L-entitajiet li għandhom responsabbilità li jissorveljaw dawn is-setturi huma:

(a) L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta;
(b) L-Awtorità ta’ Malta dwar il-Logħob; u
(ċ) Il-Korp għall-Analiżi ta’ Informazzjoni Finanzjarja.

(7) Il-provvedimenti ta’ paragrafi (3) u (4) ta’ Ordni Permanenti 120B għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-Kumitat Permanenti għas-sorveljanza tal-entitajiet regolatorji fis-settur finanzjarju u tal-*gaming*.”.

11.6.18